MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 803/2012

**Bank of Valletta p.l.c. [C-2833]**

**Vs**

**Donna DEBONO**
**[ID. Nru. 142386M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf tmien mija u hamsa u sittin euro u sbatax-il ċenteżmu [€1,865.17c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi, l-konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u sittin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,865.17), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-16 t'Ottubru 2012 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklużi dawk ta'

l-ittra uffiċjali datata 6 t'Ottubru 2011 (Dok "B"), u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, nterpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, is-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll Affidavit skont il-ligi hawn anness u markat Dok. "C".".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum stess.

Semgha lil **Rose Cortis**, rappreżentanta tal-Bank rikorrenti tiddikjara bil-gurament taghha li l-ammont reklamat fit-Talba odjerna ghadu dovut fl-intier tieghu u li l-intimata ma ghamlet l-ebda hlas.

Ikkunsidra;

Li mid-dokumenti esebiti mat-Talba u mix-xhieda ta' Rose Cortis tal-lum stess, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-ammont reklamat huwa dovut u li ghadu hekk dovut sal-lum, flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mis-16 ta' Ottubru, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tal-Bank rikorrenti u jikkundanna lill-intimata thallsu s-somma ta' elf tmien mija u hamsa u sittin euro u sbatax-il ċenteżmu ta' euro [€1,865.17c] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------